**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju, 2002

**Numru 8**

**Avviz. numru 372/02JR**

**Golden Harvest Manufacturing Company Limited**

**vs**

**Mario Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fil-15 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700.00), dovuta bhala prezz ta' flus mislufin lill-konvenut mis-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 14 ta' Dicembru, 2001, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joseph Sammut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700.00) bl-imghax legali mis-26 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 14 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**